**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 399/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs.**

**Francis Galea**

Illum 5 ta' Novembru 2020

Il Qorti:

Rat lil tressaq **Francis Galea, iben Joseph Galea u Rosaria xebba Farrugia, mwieled Pieta' nhar 18.12.1964 u li joqghod gewwa 74, Redentur, Triq il-Velleran, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita' bi numru 1065(M).**

Nakkuzah talli nhar it-3 t' Ottubru 2019 ghall-habta ta' saghtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) gewwa Galea Service Station, Triq Haz-Zabbar, Fgura:-

a. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar tad-ditta **Phoenix Arms**, mudell **Raven** tal-kalibru .25 Auto., numru tal-arma **3087380** u munizzjon minghajr licenza taht l-Att Dwar l-Armi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-arma tal-imputat Francis Galea u kif ukoll tiskwalifika lill-istess imputat milli jottjeni jew ikollu licenzja that l-Att Dwar l-Armi ghal dak il-perjodu li l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq.

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta certu Norbert Galea irraporta gewwa l-ghassa tal-Fgura li kellu argument ma missieru, l-imputat, gewwa l-pompa tal-petrol Galea Service Station fi Triq Haz-Zabbar, il-Fgura u dan hareg ghalih b'arma.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020 din il-Qorti

m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu, u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti.

- L-amissjoni ta' l-imputat. Din l-amissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-procedura u ghalhekk hija attentwanti a favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.
- L-imputat ikooperaw bis-shih mal-pulizija u indikalhom fejn l-arma kienet merfugha.
- L-arma in kwistjoni qatt ma ntuzat u kienet intiza biss sabiex tipprovdi forma ta' sigurta stante li fuq il-post tax-xoghol kien jinzamm ammont konsiderevoli ta' flus.
- L-arma qatt ma kienet licenzjata.
- Il-prosekuzzjoni bi qbil mad-difiza qablu li piena ghandha tinghata fil-*minimum* taghha.
- Id-difiza ittenni li l-kondotta ta' l-imputat hija nadifa. Il-Qorti tara li filwaqt li l-kondotta tieghu mhiex netta, m'hemm xejn alarmanti fiha u r-reati registrati fiha immorru lura ghal iktar minn ghaxar snin.
- L-imputat fl-istqarrjia tieghu jghid li l-arma kienet dejjem fuq is-*safety lock* u hareg l-arma biss biex ibezzgha lit-tifel tali kien ta' xeba lil lavrant tieghu ghal xejn.[1]

[1] Folio 19 ta' l-atti processwali

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(1), 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Francis Galea hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u tikkundannah multa ta' seba mitt (€700) Ewro.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska ta' l-arma a favur il-Gvern ta' Malta u wara li rat l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tipprojbixxi lil-hati milli jkollu xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien sentejn mil-llum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tawtorizza li l-multa tithallas b'pagamenti mensili ta' Euro 100 fix-xhar bl-ewwel pagament issir mhux aktar tard minn xhar wara illum u b' pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u interrottament fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas ikun konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 64 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tornda li l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-5 ta' Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**